# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 45 – IL-ĦAMIS 23 TA' AWWISSU 2012

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier (waslet fit-8:35pm) |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat : | Antoine Vella | Kunsillier |

Kien hemm żewġ membri tal-pubbliku waqt parti mil-laqgħa kif ukoll l-*accountant* tal-Kunsill.

Is-SE infurmat li l-Kunsillier Vella kien marid u għaldaqstant ma setax jattendi għal-laqgħa.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦAT NRU. 43 U 44

1.1 Is-SE infurmat li l-Kunsilliera Bugeja kienet infurmat li se tasal tard.

1.2 Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li para. 7.11 tal-minuti nru. 43 jibda 'Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella'.

1.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li para. 4.3, il-ħin għandu jidher bħala 'pm' u mhux 'am'.

1.4 Il-minuti tal-laqgħa nru. 43 ġew approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

1.5 Il-minuti tal-laqgħa nru. 44 ġew approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI 43 U 44

2.1 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk kinitx għamlet kommunikazzjoni mal-uffiċċju tal-President fir-rigward ta' Dar il-Kenn. Is-SE infurmat li hija kellha tiltaqa' ma' uffiċjal fl-uffiċċju tiegħu matul il-Ġimgħa ta' wara.

2.2 Il-Kunsillier Scerri Diacono ġibed l-attenzjoni li Triq San Alessi kienet għadha ma tnaddfitx mill-ħaxix għalkemm ħarġet *default* lill-kennies. Hawnhekk il-Viċi Sindku semma' numru ta' postijiet oħra li ma kinux tnaddfu. Fuq rakkomandazzjoni tal-Viċi Sindku, kien hemm qbil li tinħareġ *default* oħra lill-kuntrattur tal-knis. Fuq suġġeriment tas-Sindku, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' ma' dan il-kuntrattur.

2.3 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar ir-*railing* ta' Triq Santa Luċija, is-SE infurmat li kienet kitbet lill-Awtorità tad-Djar minħabba li dan il-proġett kien tħalla nofs xogħol. Kien hemm qbil li s-Sindku u s-SE għandhom jistaqsu dwar dan ir-*railing* lis-CEO waqt laqgħa li kellhom matul il-ġimgħa li ġejja.

## 3. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

3.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Lulju. Kopja tiegħu hija annessa.

3.2 Is-SE infurmat li l-kont li jidher fuq 3D huwa l-kont il-ġdid li qed jiħallas f'isem TCTC wara li dawn kienu aċċettaw it-talba tal-Kunsill biex ma jħallasx il-kont kollu minħabba li kien hemm ftit applikanti.

3.3 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

3.4 Il-Kunsill approva li jagħmel globu ġdid mal-ħajt tal-Club House għas-somma ta' €212.40.

3.5 Is-SE preżentat kwotazzjoni għal twieqi ġodda fil-kuriduri minħabba li fis-sajf tinġema' ħafna sħana. Il-Kunsill qabel li jagħmel żewġ twieqi, waħda f'kull kuridur.

3.6 Is-SE infurmat li wara informazzjoni li ġabet, kien ċar li l-Kunsill kien jaqbillu aktar li jixtri d-dispenser tal-ilma li kellu milli jibqa' jikrih. Barraminnhekk, jekk jagħmel ftehim għal numru ta' fliexken tal-ilma, kien jieħu numru ta' fliexken b'xejn. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment. Min-naħa l-oħra, fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku, kien hemm qbil li qabel tikkonferma, għandha ġġib kwotazzjoni oħra.

## 4. *QUARTERLY REPORT* (*APRIL – JUNE* 2012)

4.1 L-accountant tal-Kunsill feraħ lill-amministrazzjoni u lill-Kunsill talli rnexxielhom joqgħodu attenti fl-ispejjeż, b'mod speċjali wara li ġew organizzati numru ta' attivitajiet fosthom Military Mtarfa.

4.2 Hawnhekk daħlet il-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien it-8:35pm.

4.3 Hawnhekk is-Sur Caruana kompla bl-ispjega tiegħu fejn informa lill-Kunsill li kien spiċċa Ġunju b'surplus ta' €7850.59.

4.4 Il-Kunsill approva l-*quarterly report* kif preżentat mill-*accountant*. Kopja ta' dan ir-rapport tinsab mehmuża.

## 5. PUNTI OĦRA

5.1 Il-Kunsilliera Bugeja infurmat li kienet ħadet ħsieb il-ħarġa għal Kemmuna. Għaliha kienu attendew numru sabiħ ta' residenti.

5.2 Is-SE infurmat li bħalissa hi u l-perit kienu qed jaħdmu sabiex fi ftit ġimgħat toħroġ is-sejħa għall-offerti għax-xogħol fuq ir-rikostruzzjoni tal-parkeġġ quddiem Binja San David.

5.2 Is-SE infurmat li fuq il-parti l-oħra tal-proġett tal-housing, il-perit kien infurmaha li ż-żebgħa li kienu se jiġu miksija biha l-planters ma setgħetx tinħareġ b'garanzija minħabba li l-planters ma fihomx qatran minn ġewwa. Għaldaqstant kien hemm qbil li x-xogħol neċessarju jsir biż-żebgħa tar-ramel u li l-proġett jingħata f'idejn kuntrattur privat sabiex jitlesta sal-aħħar ta' Diċembru.

5.3 Is-SE infurmat li sadanittant il-ħaddiema kienu se jibdew jaqilgħu l-istrutturi tal-konkos tad-dawl l-antiki u jagħmlu l-manutenzjoni neċessarja fuq ġebel imċaqlaq jew nieqes fiż-żona ta' bejn il-*barracks* sabiex ikun lest biex ikompli x-xogħol l-ieħor il-kuntrattur.

5.4 Il-Kunsill approva li jsiru żewġ sinjali mill-Imtarfa Pet Shop fil-bidu ta' Triq ir-Reġimenti Maltin k/m Triq San David.

5.5 Is-SE infurmat li residenta kienet issuġġeriet li titpoġġa pot kbira fil-bidu ta' Triq il-Qronfol minħabba li ġieli qed jidħlu xi vetturi fuq ġewwa tal-*barracks* u saħansitra laqtu l-arblu tad-dawl. Minħabba li r-residenti li joqgħodu f'din il-parti m'għandhomx mezz kif jagħmlu *un/loading* ħlief li jidħlu minn din iż-żona, kien hemm qbil li għalissa għandha ssir biss il-manutenzjonifuq l-arblu.

5.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet korrispondenza mingħand resident fejn talab li Triq Gregorio Caraffa ssir fuq direzzjoni unika. Fil-fatt il-Kunsill kien diġà qabel ma' din id-deċiżjoni xi snin qabel. Hija talbet lill-Kunsill aktar informazzjoni dwar direzzjonijiet. Kien hemm qbil li Triq Caraffa u Triq il-Ferrovija jiġu direzzjoni 'l isfel filwaqt li Triq il-Faqqiegħ tiġi direzzjoni 'l fuq. Il-Kunsill kollu qabel li għandha tintbagħat kommunikazzjoni lir-residenti sabiex tintalab l-opinjoni tagħhom fir-rigward.

5.7 Is-SE preżentat lista ta' prezzijiet (annessa) għal riklami għal fuq il-gazzetta tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Bord Editorjali għandu jiltaqa' sabiex jibda jaħdem fuq il-pubblikazzjoni li jmiss.

5.8 Is-Sindku għadda programm tal-ħarġa għall-anzjani li se tinżamm nhar is-6 ta' Settembru, kopja annessa.

5.9 Is-Sindku informa li persuna kienet talbitu kamra permanenti sabiex jużaha biex jgħallem lill-kommunità kif wieħed jista' jagħmel presepju. Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux fejn joffri iżda se jipprova jgħin.

5.10 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika l-prezz sabiex isir il-*floodlighting* tal-monument ta' Triq San David.

5.11 Għat-talba tas-Sindku sabiex is-SE tgħaddilu kopja tal-ispiża ta' Triq l-Anzjani, is-SE infurmat li ma setgħatx tagħmel dan minħabba li l-Kunsill ma kellux is-servizz tal-perizja fil-preżent.

5.12 Il-Viċi Sindku ressaq talba ta' resident sabiex jitneħħa double yellow line fi Triq Sir Leslie Rundle. Ma kienx hemm oġġezzjoni ladarba din qegħda quddiem ir-residenza tal-istess resident.

5.13 Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment tal-Viċi Sindku li kull meta jkun hemm talba għal permess ta' krejn, is-SE jew l-istaff għandhom joffru li jmorru jieħdu r-ritratti huma, sakemm ma jkunx hemm biżżejjed żmien sabiex isir dan. Il-Viċi Sindku ta eżempju ta' meta hu kien ġie mitlub jieħu numru ta' ritratti għal resident għaliex skont hu, l-uffiċċju m'offriex dan is-servizz. Is-SE hawnhekk irrispondiet li l-persuna li ġie jagħmel il-permess fl-ebda ħin ma kien talab l-għajuna tal-amministrazzjoni. Minħabba li l-Viċi Sindku ma qabilx ma dan, kien hemm qbil li s-SE għandha titlob għal dikjarazzjoni mingħand iż-żewġ impjegati tal-uffiċċju. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono, kien hemm qbil li għandu jitpoġġa artiklu fuq il-pubblikazzjoni tal-Kunsill dwar il-permessi meħtieġa mill-Kunsill.

5.14 Il-Viċi Sindku talab lis-SE sabiex tfakkar lill-Avukat jgħaddi kopja tal-konfront li sar il-Qorti fir-rigward tal-kawża kontra s-sinjuri Zahra.

5.15 Minħabba li kien wasal rapport li waqgħu xi biċċiet tal-ġebel min-naħa ta' wara tal-Binja Tifkiriet Puniċi, kien hemm qbil li jinqalgħu s-sinjali li hemm quddiem, minħabba li l-problema ssolviet, u jitpoġġew fuq in-naħa ta' wara sabiex jiġi evitat il-periklu.

5.16 Il-Viċi Sindku informa li matul ix-xahar li għadda l-ħaddiema kienu lestew ix-xogħol ta' ħadid fi Triq San Oswald u għamlu xi xogħol ta' traqqigħ fost oħrajn.

5.17 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li kien attenda għal laqgħa f'isem il-Kunsill fejn kien ġie preżentat b'ittra mid-Dipartiment fejn il-Kunsill gie mogħti s-somma ta'

€466 sabiex jintużaw fil-librerija. Il-Kunsillier Scerri Diacono se jieħu ħsieb iġib xi kwotazzjonijiet għal kotba ġodda.

5.18 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono se tintbagħat talba oħra lil TM sabiex isiru s-sinjali mal-art fil-parti tal-*bypass* li ġiet rikostruwita riċentament.

5.19 Il-Kunsillier Scerri Diacono talab biex jiġi vverifikat min suppost li jieħu ħsieb il-plot li jinsab bejn is-Sisters Quarters u Binja Msieraħ minħabba li hemm xi bricks mitluqa u l-ħamrija għandha bżonn ta' tindifa in ġenerali.

5.20 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-Kunsillier Scerri Diacono jġib kwotazzjonijiet għal tapit tal-lastiku sabiex jintuża fis-sala meta jkun hemm il-keepfit.

5.21 Għat-talba tal-Kunsilliera Bugeja għal bozza ġdida viċin tal-ġnien, is-Sindku informa li hekk kif jitlesta l-proġett għandu jkun hemm dawl biżżejjed u għaldaqstant wieħed għandu jistenna qabel nibdew il-proċeduri għal bozza ġdida.

5.22 Il-Kunsilliera Bugeja infurmat li kienet ħadet ħsieb il-ħarġa għal Kemmuna. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li torganizza *weekend break* għar-residenti.

## 6. AĠĠORNAMENT

6.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:15pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru 2012 fis-7.30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku** |